8 ta' Jannar, 1946.

Imħallef :

L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

**Joseph Brincat et. *versus* Joseph E. Axisa, O.B.E., ne. et.**

**Serq — Bejgħ — Prezz ta' l-Oġġett Misruq — Prodott tar-Reat — Konfiska — Art. 24 tal-Liġijiet Kriminali.**

*Il-konfiska, li skond il-liġi hija konsegwenza neċessarja tad-delitt, tolqot il-korp tad-delitt, il-ħwejjeġ li servew jew kienu destinati għall-konsumazzjoni tad-delitt, u l-prodott tad-delitt.*

*Fil-prodott tad-delitt ma hemmx kompriż l-profitti miksuba bir-reat; u għalhekk il-konfiska ma tolqotx l-oġġetti akkwistati bir-rikavat tal-bejgħ tal-ħaġa misruqa jew il-flus rikavati minn dak il-bejgħ; għax dawn ma humiex prodott tad-delitt, imma l-utilizzazzjoni tal-prodott tad-delitt stess.*

*Imma jekk ir-rikavat tal-bejgħ ta' l-oġġett misruq ma hux suġġett għal konfiska, mill-banda l-oħra ma jistax jingħad illi dak ir-rikavat jappartjeni lil min ikkommetta s-serq, imma jappartjeni lill-persuna li għad-danno tagħha sar is-serq.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-atturi, wara li ppremettew li fil-perkwiżizzjoni li saret mill-Pulizija kontra l-attur ġew elevati mill-poter tiegħu £375 u mill-poter ta' l-attriċi "*Deposit Receipt*" tal-Barclay's Bank numru 74918 ta' l-4 ta' Novembru 1942 għas-somma ta' £500 u Pass Book tas-Savings *Bank* numru 20021 għas-somma ta' £100; u li dawn il-flus u dokumenti jinsabu depożitati taħt l-awtorità tal-Qorti Kriminali tal-Maestà Tiegħu r-Re in konnessjoni mal-kawża "Rex vs. Joseph Bri'ncat et." deċiża fis-6 ta' April 1943; u dik il-Qorti, b'digriet tal-21 ta' Mejju 1943, ordnat li jibqgħu hemm miżmuma sakemm il Qorti kompetenti tiddeċidi fil-konfront ta' l-interessati dwar ix-xorta u l-kwalità tagħhom skond l-art. 644 tal-Liġijiet Kriminali; talbu li jiġi dikjarat u deċiż li l-imsemmijin £375 jappartjenu lill-attur, u li l-flus depożitati *fil-Barclay's* Bank u fis-Savings Bank jappartjenu lill-attriċi; u fi kwalunkwe każ, anki jekk jappartjenu kollha lill-attur, bħalma jippretendi l-konvenut, illi dana ma għandux dritt iżomm u jippreleva l-valur ta' aktar minn 32 xkora deqiq b'£2 l-ixkora, jew somma akbar li tiffissa l-Qorti; u konsegwentement il-bilanċ tal-flus u tad-depożiti fuq indikati jibqgħu proprjetà ta' l-atturi jew ta' min minnhom. B'riżerva ta' drittijiet oħra u bl-ispejjeż;

*Omissis*;

Tikkunsidra:

Illi fl-24 ta' Frar 1943 l-attur ġie akkużat quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maestà Tiegħu r-Re talli, bħala uffiċjal u impjegat publiku, fi żmienijiet diversi, b'attijiet eżekutivi ta' l-istess riżoluzzjoni, bi profitt għalih, ħa ħwejjeġ mobili tal-Gvern Ċivili li kienu għandu bis-saħħa ta' l-uffiċċju jew ta' l-impjieg tiegħu;

Fl-att ta' l-akkuża ġie espost...........;

Bis-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maestà Tiegħu r-Re ta-6 ta' April 1943 l-attur ġie dikjarat ħati ta' l-imsemmi delitt kontra tiegħu dedott fl-imsemmi att ta' l-akkuża, u ġie kundannat għall-piena stabbilita mil-liġi;

*Fil-perkwiżizzjoni* illi l-Pulizija kienet għamlet fid-dar ta' l-attur u fid-dar ta' l-attriċi, għarusa tiegħu, waqt li kienet qiegħda ssir l-investigazzjoni tar-reat, ġew elevati £375........ Dawn il-flus u dokumenti ġew depożitati taħt l-awtorità tal-Qorti Kriminali fuq indikata in konnessjoni mal-proċess fuq imsemmi;

Wara illi l-imsemmi proċess ġie definit bis-sentenza fuq indikata, l-attur talbu l-iżbank ta' dawn il-flus u dokumenti; iżda l-konvenut għamel oppożizzjoni għat-talba, u l-Qorti fuq indikata ordnat li jibqgħu miżmuma sakemm il-Qorti kompetenti tiddeċidi fil-konfront ta' l-interessati dwar ix-xorta u l-kwalità tagħhom, skond l-art. 644 tal-Liġijiet Kriminali;

Id-dokumenti fuq indikati ġew elevati mill-poter ta' l-attriċi, billi l-attur qal fit-tieni dikjarazzjoni li għamel lill-Pulizija fit-8 ta' Diċembru 1942, illi huwa kellu s-somma ta' £375...........;

*L-oppożizzjoni* tal-konvenut u tal-kjamati fil-kawża għat-talba ta' l-attur........... hija bażata fuq dak li jingħad fl-art. 24 tal-Liġijiet Kriminali:— "*That the* forfeiture of the '*corpus delicti*', of the intruments used in the perpetration of the crime, and of anything obtained by such crime, is necessarily *consequent on every punishment* for crimes as established by law, even though such forfeiture be not expressly indicated by the same, unless some person, not a participator in the crime, have claim to such property"—billi huma jirritjenu illi dawk il-flus kollha, anki dawk fl-isem ta' l-attriċi, billi jirrappreżentaw il-profitt li l-attur għamel bir-reat, huma l-prodott ta' l-istess reat fuq indikat;

L-attur jsostnu illi l-imsemmijin flus mhumiex il-prodott tar-reat, *billi dawk depożitati fl-imsemmijin bank*, barra minn £60 li l-attriċi tammetti li tahomlha l-attur, ġew lill-istess attriċi in kwantu għal £500 għaliex tahomlha missierha ftit granet qabel mewtu u kwantu għal £40 bir-isparmi tagħha minn

xogħlijiet tal-ħjata, u s-somma l-oħra ta' £375 għax ħill-attur bir-risparmi li għamel mis-salarju tiegħu;

L-atturi jippretendu wkoll, mingħajr preġudizzju għal dak li ntqal fuq, illi anki jekk dawk il-flus kollha, għal skop ta' argument, kellhom jiġu kunsidrati bħala prodott bir-reat, huma ma għandhomx jiġu konfiskati, għaliex skond l-art. 24 tal-Liġijiet Kriminali l-konfiska għandha tolqot l-oġġett tar-reat u mhux il-valur ekwivalenti;

Din bija, kwindi, l-ewwel kwistjoni li l-Qorti għandha tiddefinixxi;

Tikkunsidra fuq dan il-punt:

Illi għalkemm il-lum it-test tal-liġi huwa l-Ingliż, dana t-test huwa, iżda, traduzzjoni ta' l-oriġinal Taljan, u dana l-oriġinal għandu jiswa għall-interpretazzjoni tal-liġi. It-test oriġinali taljan kien tat-tenur segwenti:— "La confiscazione del corpo del delitto, degli strumenti che servirono od erano destinati alla consumazione di un delitto, e delle cose prodotte dal medesimo, quando non vi sia chi, senza aver partecipato nel delitto, abbia ragione su tali oggetti, è conseguenza di qualunque pena che la legge stabilisce pei delitti, quand'anche non fosse espressamente indicata". Il-konfiska kwindi tolqot:—

1. Il-korp tad-delitt;

2. Il-ħwejjeġ li servew jew kienu destinati għall-konsumazzjoni tiegħu;

3. Il-prodott tad-delitt;

Illi l-korp tar-reat huwa, kif igħallem Lucchini (Proc. Penale, pag. 300) l-oġġett materjali li fuqu sew bih ir-reat ġie kommess; huwa parti mill-"in genere", għaliex dana jirriżulta wkoll minn kwalunkwe ħaġa jew traċċja viżibbli li tirrappreżenta jew turi l-eżekuzzjoni tar-reat. Il-ħwejjeġ li servew għall-kommissjoni tar-reat huma dawk il-ħwejjeġ li servew bħala mezz għar-reat. Il-ħwejjeġ li, għalkemm ma ġewx adoperati biex jiġi kommess ir-reat, imma li l-attur kien iddestina bħala mezz għar-reat, jirriferixxu ruħhom għal dawk l-oġġetti li ma servewx effettivament bħala mezz għall-kommissjoni tar-reat għaliex dana ma ġiex ikkunsmat imma kien ġie biss tentat, u dawna l-ħwejjeġ ġew destinati biex bihom jiġi kommess. Il-ħwejjeġ li jikkostitwixxu l-prodott tad-delitt huma l-ħwejjeġ li fil-produzzjoni tagħhom jissostanzja ruħu d-delitt, jiġifieri

*dawk il-ħwejjeġ li jitfurmaw* l-oġġett tad-delitt. Il-korp tad-delitt, kwindi, huwa **kompriż fl-istrumenti li servew jew kienu** destinati **għall-kommissjoni** *tar-reat u* ***fil-ħwejjeġ*** *li* **jikkostitwixxu** l-*prodott* tar-reat;

Konsegwentement għal dak li nqal dwar il-prodott *tad-delitt*, *id-dottrina tgħallem li mhumiex inklużi*, **u mhux għal** daqstant milquta mill-**konfiska**, l-**oġġetti akkwistati** bil-**prezz** tal-ħaġa misruqa, jew il-**flus rikavati** *mill-bejgħ* **ta'** l-**istess** oġ-*ġetti*, *il*-**għaliex dawn** ma humiex **proprjament prodott tad-delitt**, imma l-utilizzazzjoni tal-prodott **tad-delitt stess** (Crivellari, Vol. *III*, pag. *101*; *Maino*, **Vol. I**, **pag. 81**). Din **hija** l-interpretazzjoni li għandha tiġi mogħtija lill-kliem "cose prodotte" mir-reat, adoperat **fl-oriġinal taljan tal-liġi tagħna**, ***tradotta*** *fl-ingliż bil-kliem* "*anything obtained*"; u ma **għandhiex** tiġi milqugħa l-interpretazzjoni **suġġerita** mill-konvenut nomine u mill-kjamati ***fil-kawża*** *nomine*, *illi*, *billi* l-liġi **tagħna**, **għad-differenza** tal-liġi taljana, fuq liema liġi hija bażata d-dottrina fuq indikata, issemmi l-ħwejjeġ prodotti mir-reat *u* ***anki*** **l-korp** ***tad-delitt***, ***dik*** *l-ewwel espressjoni għandha* bil-fors tittieħed li tirriferixxi ruħha għall-profitti magħmula bir-reat; u **dana** l-għaliex il-korp **tad-delitt**, ***kif gà fuq aċċennat***, huwa **wkoll** l-oġ-ġett **materjali** li bih ir-reat **jiġi kommess**, u intant dana l-oġ-ġett huwa **ripetut** meta ssemmew l-istrumenti li servew jew *kienu destinati għall-kommissjoni tar-reat*, u **l-korp** ***tad-delitt*** ma jikkomprendix il-ħwejjeġ kollha li fil-**produzzjoni tagħhom** is-sostanzja ruħu d-delitt (*Lucchini*, *op. ċitata*; Conti, "*La pena e il sistema penale del Codice Italiano*", Enc. Giur., Pessina, Vol. 4, **pag 890**). U għal dina r-raġuni ġie ritenut mill-kumpilaturi ***tal-Kodiċi Taljan*** bħala vag u inċert is-sinifikat tal-**korp** tar-**reat** u **aktar ċara l-espressjoni "ħwejjeġ li servew jew** kienu destinati biex iservu **għall-kommissjoni tar-reat** u dawk *li huma* l-prodott **tiegħu**"—**żewġ kategoriji** diversi **ta'** **oġġetti**, l-istrumenti fuq **indikati** u **l-oġġett kollha** li **fil-produzzjoni** tagħhom *jissostanzja* ***ruħu d-delitt***, **komprendenti** l-oġġetti kollha li **fl-espressjoni użata** mil-liġi **tagħna** huma **milquta** mill-**konfiska**;

*Illi* ***però***, għandha tiġi **wkoll** ***riżoluta*** **l-kwistjoni jekk** il-**flus** indikati **jappartjenux jew** le lill-atturi, il-**għaliex** din **hija** d-dikjarazzjoni li huma *talbu*, ***u mhux*** li ma humiex milquta

mill-konfiska; u l-konvenut *nomine* u l-kjamati fil-kawża *nomine* jgħidu li dawk il-flus huma l-prezz ta' l-oġġetti misruqa mill-attur għad-dannu tal-Gvern; għal liema serq huwa gie *kundannat* bis-sentenza tal-Qorti Kriminali fuq imsemmija; f'liema każ, kif tgħallem id-dottrina, ma jappartjenux lil min *seraq l-oġġetti li tagħhom huwa l-prezz, kif ma kienux lilu jappartjenu* l-istess oġġetti, u għaliex ma għandux ikun permess tid-*delinkwent li jirrikava* utilità mill-frott tad-delitt tiegħu;

Tikkunsidra;

— Illi l-fatti li *jikkostitwixxu r-reat* fuq indikat, kif wieħed jista' jiddesumihom mill-imsemmi att ta' l-akkuża, huma illi l-attur ħa bi profitt għalih 14-il xkora dqiq li biegħ lil Geraldo Azzopardi, 18-il xkora dqiq li biegħ lil Pawlu Borg, u żewġ partiti xkejjer dqiq li biegħ lil Giovanni Testa. Għandhom *kwindi jigu dikjarati li ma humiex ta' min seraq*, imma ta' min gie offiż bid-delitt, dawk il-flus li jirriżultaw li huma l-*prezz ta' l-ixkejjer tad-dqiq* fuq indikati;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi għar-rigward tas-somma ta' £375 elevata mill-poter ta' l-attur ma jista' jkun *hemm l-ebda dubju* li hija r-rikavat tal-bejgħ ta' l-ixkejjer tad-dqiq fuq indikati. Infatti dawna il-flus kienu..........;

Illi *għar-rigward tal-flus l-oħra elevati* minn għand l-attriċi, dina tammetti li l-attur taha £60, u dik is-somma biss; u *taħielba* sabiex tpoġġiha ma' £40 li kienet faddlet mill-qliegħ ta' xogħolha.......... L-attriċi, iżda, tgħid li ma kienet af xejn x'kien *qiegħed isir, jiġifieri* li l-attur kien qiegħed jagħmel l-imsemmi serq, u ma saret l-ebda prova da parti tal-konvenut u tal-kjamati fil-kawża *ta' ftehim* bejnha u bejn l-attur sabiex ma tiġix skoperta l-provenjenza ta' dawk il-flus; u għal-hekk, ġa la darba ġew donati lill-attriċi, fin-*nuqqas ta' prova ċerta tal-mala fede tagħha, dina għandha d-dritt tippretendi* li huma tagħha;

*Illi* għar-rigward tal-flus l-oħra elevati minn għand l-attriċi, il Qorti tħoss illi fiċ-ċirkustanzi ma tistax toqgħod fuq id-*dikjarazzjonijiet fuq indikati* magħmula lill-Pulzija mill-attur, u barra minn dan dawk id-dikjarazzjonijiet ma jistgħux jippreġudikaw lill-attriċi..........;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi billi tilqa' t-talba ta' l-attriċi Giorgina Debattista, u tiddikjara tagħha l-flus indikati fiċ-ċitazzjoni depożitati fil-Barclay's Bank skond Deposit Receipt numru 74918 ta' l-4 ta' Novembru 1942 għas-somma ta' £500, u fil-Government Savings Bank skond Pass Book numru 20921 għas-somma ta' £100, u billi tiċħad it-talba ta' l-attur li tiġi dikjarata tiegħu s-somma ta' £375 mill-poter tiegħu elevata kif jingħad fiċ-ċitazzjoni, billi tiddikjara illi dina s-somma, bħala flus rikavati mill-bejgħ ta' ħwejjeġ misruqa, tappartjeni lil min ġie offiż b'dak id-delitt, jiġifieri l-Gvern rappreżentat f'dan il-ġudizzju mill-kjamati fil-kawża nomine;

L-ispejjeż jitħallsu żewġ terzi mill-attur Brincat, u l-kumplament mill-konvenut u kjamati fil-kawża nomine.